MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2008

Talba Numru. 775/2007

**Thomas Smith Insurance Agency Limited (C5637) in rapprezentanza tas-socjeta` estera Societa` Italiana Assicurazioni e Riassicurazioni S.p.A. – S.I.A.T kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Emmanuel Gatt u l-istess Emanuel Gatt**

**Vs**

**Mario Borg, Mario Camilleri**
**u Regent Co. Ltd**

***Decizjoni Preliminari***

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fil-15 ta' Ottubru, 2007 fejn gie mitlub illi l-konvenuti jew min minnhom ghandhom jigu kkundannat jhallsu l-ammont ta'

mitejn u wiehed u erbghin Liri Maltin u sittax il-centezmu (LM241.16) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi per konsegwenza tal-incident illi gara fil-11 ta’ Frar 2007 meta waqghet injama mill-propjeta` taghhom jew min minnhom fi Triq Father Born, San Pawl il-Bahar ghal fuq il-vettura LCH 896 propjeta` tal-attur Gatt u assikurata mas-socjeta` attrici l-ohra u kkagunatilha diversi hsarat, u dan bhala sidien tal-fond de quo, jew bhala persuni illi kienu qeghdin iwettqu xoghol ta’ bini f’dan il-fond, jinsabu responsabbli u jridu jaghmlu tajjeb ghal din il-hsara.

Bl-ispejjez gudizzjarji inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tal-5 ta’ Settembru 2007, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tal-konvenuti tas-7 ta’ Dicembru, 2007 fejn gie premess illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra taghhom stante huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante (1) illi preliminarjament, l-inkompetenza ta’ dana t-Tribunal illi jiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici stante illi ai termini tar-Raba` Skeda ta’ l-Att dwar l-Arbitragg (Kap 387) - tilwima li torigina minn hsara involontarja fil-propjeta` li tinvolvi l-vetturi ghandha tigi determinita b’arbitragg. Illi preliminarjament ukoll, il-konvenut Mario Camilleri ma jezistix u ma hemm hadd b’dak l-isem li joqghod bl-indirizz indikat mill-atturi. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenut Mario Borg mhuwiex il-legittimu kuntradittur ghat-talbiet attrici peress illi mhuwiex minnu illi huwa propjetarju tal-propjeta` indikata mill-atturi fl-avviz promotur u lanqas ma kien qieghed jaghmel xi xogholijiet fl-istess propjeta` kif allegat mill-atturi.

Illi fil-mertu, it-talbiet attrici huma in ogni kaz infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi hadd mill-konvenuti citati jew min minnhom ma huwa responsabbli ghad-danni allegati mill-atturi peress illi tali danni gew ikkagunati, gew ikkagunati minn terzi li kienu qeghdin jaghmlu xi xogholijiet fil-propjeta` indikati mill-atturi.

Illi fil-mertu wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi jridu in ogni kaz jippruvaw u jaghtu indikazzjoni cara u mhux generika ta' liema hija l-propjeta` specifika illi minnha allegatament waqghet l-injama u illi tali propjeta` hija propjeta` tal-konvenuti jew min minnhom. Bl-ispejjez kontra l-atturi li huma min issa ngunti in subizzjoni.

Ra l-atti kollha u l-verbal tat-2 ta' Gunju 2008 fejn id-difensuri tal-partijiet qabblu illi l-kawza tithalla ghad-decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni u dan wara li l-istess partijiet ittrattaw l-istess.

Ikkunsidra :

Illi l-konvenuti qed jecepixxu illi dan it-Tribunal ma ghandux gurisdizzjoni fuq il-kaz in ezami u dan peress illi d-danni mitluba mill-atturi jinkwadraw f'dak kontemplat fit-Taqima A tar-Raba` Skeda mal-KAP 387, b'dan illi l-atturi kellhom jintavolaw proceduri b'arbitragg u mhux quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

Illi l-Artikolu 1.2 tat-Taqsima A intitolata "*Tilwimiet dwar it-Traffiku ta' Vetturi bil-Mutur*" ighid :

*Kull tilwima civili jew kummercjali, li ma tkun wahda li jkollha x'taqsam ma' talba ghal danni ghal hsara fil-persuna, li tkun tilwima li torigina minn :*

*(a) kollizjoni bejn vetturi, jew*
*(b) hsara involontarja fil-rporpjeta` li tinvolvi l-vetturi, jew*
*(c) talba bhal dik ……………., u*
*(d) li l-valur taghha ma jkunx jeccedi l-hdax il-elef sitt mija u sitta u erbghin Euro u tmenin cetnezmu (€11,646.87)*

allura tali tilwima ghandha tigi determinata b'arbitragg.

Illi fil-kaz in ezami, kif espress u dikjarat fl-Avviz, id-danni riklamati mhux naxxenti minn incident stradali bejn zewg vetturi *in motion*. L-atturi jikkontendu illi gja la darba dan mhux il-kaz, allura dan it-Tribunal ghandu l-gurisdizjoni u

mhux l-Arbitragg, u dan peress illi quddiem l-arbitragg imorru kawzi relatati ma' incidenti stradali, ossia kollizjonijiet.

Dan it-Tribunal ma jikkondividix t-tezi ta' l-atturi. Dan ghaliex l-iskeda msemmija hija cara u bejn is-sub-inciz (a) u s-sub-inciz (b) taghmel appuntu din id-distinzjoni.

Minn naha l-wahda l-iskeda titkellem fuq kollizjoni bejn vetturi (1.2 a) u minn naha l-ohra titkellem dwar hsara involtonarja ohra li pero` tinvolvi l-vetturi (1.2 b) – u minkejja din id-distinzjoni, l-iskeda tpoggi, fil-parametri hemmhekk msemmija, l-obbligu tal-gurisdizzjoni fuq l-Arbitragg fi kwalunkwe miz-zewg kazijiet. F'dan il-kaz, il-gurisdizzjoni ta' l-Arbitragg hija esklussiva u kwistjonijiet li jaqghu taht kwalsiasi mis-sub-incizi msemmija ghandhom jigu determinati mill-Arbitragg.

Il-kwistjoni dwar jekk il-vetturi humiex *in motion* jew le mhix importanti. L-importanti huwa illi sakemm si tratta ta' hsara fuq vettura u ma tinvolvix ukoll hsara fil-persuna u taqa` fil-limitu ta' €11,646.87, allura l-gurisdizzjoni tat-tilwima taqa` fil-kompetenza esklussiva ta' l-arbitragg.

In vista ta dan, it-Tribunal ihoss illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti rigwardanti n-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal ghandha tintlaqa`.

Ghaldaqastant, dan it-Tribunal, wara li qies l-atti kollha u c-cirkostanzi kollha tal-kaz, qed jghaddi sabiex, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi,  jilqa` l-ewwel eccezzjoni u filwaqt illi jiddikjara ruhu inkompetenti li jkompli jisma` din il-pendenza, jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l–istess.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------